



Kunsill Ewropew

**Brussell, 29 ta' Ġunju 2018
(OR. en)**

EUCO XT 20006/18

**BXT 51
CO EUR 12
CONCL 4**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (29 ta' Ġunju 2018) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet¹ isibu mehmużin il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

¹ Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li hiegeg ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Fid-dawl tal-istat attwali ppreżentat min-negozjatur tal-Unjoni, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress ulterjuri li sar fpartijiet mit-test legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota, madankollu, li għad irid isir qbil fuq aspetti oħra importanti, inkluż l-applikazzjoni territorjali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari fir-rigward ta' Ġibiltà.
2. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu li għadu ma nkiseb l-ebda progress sostanzjali dwar qbil fuq soluzzjoni ta' kontinġenza għall-Irlanda/Irlanda ta' Fuq. Ifakkar fl-impenji meħuda mir-Renju Unit f'dan ir-rigward f'Diċembru 2017 u Marzu 2018, u jinsisti fuq il-ħtieġa għal sforzi intensifikati sabiex il-Ftehim dwar il-Ħruġ, inkluż id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar it-tranżizzjoni, jistgħu jiġu konklużi kemm jista' jkun malajr sabiex jidħlu fis-seħħ fid-data tal-ħruġ. Ifakkar li n-negozjati jistgħu jimxu 'l quddiem biss dment li l-impenji kollha meħuda s'issa jiġu rispettati bis-sħiħ.
3. Trid titħaffef ukoll il-ħidma bil-ħsieb tat-tnejjija ta' dikjarazzjoni politika dwar il-qafas għar-relazzjoni futura. Dan jeħtieġ aktar ċarezza kif ukoll proposti realistiċi u fattibbli mir-Renju Unit rigward il-pożizzjoni tiegħu dwar ir-relazzjoni futura. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid il-prinċipji stabbiliti fil-linji gwida tiegħu u l-pożizzjoni definita f'Marzu 2018. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li jekk il-pożizzjonijiet tar-Renju Unit jevolvu, l-Unjoni ser tkun lesta tikkunsidra mill-ġdid l-offerta tagħha f'konformità mal-prinċipji ddikjarati fil-linji gwida tad-29 ta' April u tal-15 ta' Diċembru 2017, kif ukoll f'dawk tat-23 ta' Marzu 2018.
4. Il-Kunsill Ewropew iġedded l-appell tiegħu lill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-partijiet ikkonċernati kollha biex jintensifikaw il-ħidma tagħhom dwar it-tnejjija fil-livelli kollha u għall-eżiti kollha.